MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Numru. 25/2005

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia)
vs
Dr. Anthony Mangion M.D., iben Francis, imwieled
Birkirkara fil-15 ta’ Lulju, 1943

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-17 ta’ Settembru, 2001, b’nuqqas ta’ ħsieb, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta’ Grazia sive Grace Mercieca minn Ħaż-Żabbar.

Il-Qorti ġiet mitluba biex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta’ l-ispejjeż peritali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Grace Mercieca kienet pazjenta ta' l-imputat għal perjodu ta' ħmistax il-sena, qabel ma mietet. Hu kienet tbagħti minn 'schizo-affective disorder' magħruf komunement bħala tbagħtija minn depressjoni.

Illi fil-15 ta' Settembru, 2001 Grace Mercieca ġiet akkompanjata l-Isptar Monte Carmeli minn żewġha Anthony Mercieca. Il-koppja Mercieca huma separati u hi toqgħod ma ommha, Giovanna Farrugia, flimkien ma bintha Roderick Mercieca, li dak iż-żmien kellu tlettax il-sena. Irrizulta li dak in-nhar Roderick ra li ommha ma kinitx sew u kien għalhekk li ċempel lil missieru Anthony biex jieħu lil Grace l-isptar.

Illi it-tnejn, 17 ta' Settembru, 2001 Anthony Mercieca ċempel l-isptar u qalulu li martu setgħet tmur id-dar.

Illi dak in-nhar fil-għodu, qabel ma ċempel Anthony Mercieca, l-imputat kien eżamina lil Grace Mercieca, sabha bħas-soltu u fil-fehma tiegħu kienet tajba biex tmur id-dar. Qabel ma marret kien ippreskrivilha pilloli li kellha tieħu sitta kuljum għal perjodu ta' ħmistax il-ġurnata. Dawn il-pilloli ġew miġbura mill-ispizjar ta' l-Isptar Monte Carmeli.

Illi dejjem fil-ġurnata tas-17 ta' Settembru, 2001 għal ħabta tal-11.30 a.m. Roderick Mercieca ċempel lil missieru u qallu lil ommu Grace kienet belgħet il-pilloli. Hu mar id-dar u sab li l-bott li kellhu 90 pillola u li kienu ġabru dak in-nhar fil-għodu kien vojt. Hu ried joħodha l-

Isptar San Luqa iżda hi riedet tmur Monte Carmeli. Fil-fatt, marru hemm iżda kif waslu ntilfet minn sensieha u bl-ambulanza ħaduha l-isptar San Luqa. Hi mietet fl-ITU fit-18 ta' Settembru, 2001 għal ħabta ta' nofs il-lejl.

Illi dan il-fatt ta' lok għal ftuħ ta' Inkjesta bil-Maġistrat. Jirrizulta mill-atti tal-inkjesta li Anthony Mercieca xehed li martu kellha storja ta' 'overdoses' u fuq l-istess punt l-imputat xehed li ma kienx jaf li kienet xi mara li tagħmel l-'overdoses'. Dan il-punt ta' contrast wassal lill-Maġistrat Inkwirenti li jitlob investigazzjoni ulterjuri. Dan il-punt ma ġiex investiagt ulterjorment u lanqas ma nġabet ebda prova li titfa xi dawl fuq dan l-aspett ta' l-inkjesta. Minbarra dan, l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri eżamina l-kartella klinika ta' Grace Mercieca u kieku sab xi ħaġa anormali, bħal per eżempju t-tendenza għall-'overdose', zgur kien jagħmel referenza għaliha fir-relazzjoni tiegħu. Għandu jingħat li l-kartella klinika ma ġietx eżebita fl-atti ta' din il-kawża għaliex ma nstabitx.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizulta ebda addebitu li l-imputat mexa b'xi mod li ma kienx korrett fl-operat tiegħu. Ma ġiet riskontrata ebda negligenza da parti ta' l-imputat. Hu għamel djanjożi li fil-fehma tiegħu ma kellha tħalli ebda effett negattiv fuq il-pazjenta tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------